**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 247/18AL

**AB**
***-vs-***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu nhar is-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011) [vide l-anness Dok A] mil-liema żwieġ ma kien hemm l-ebda ulied.

2. Illi r-rikorrent u l-intimata daħlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. James Grech datat tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), liema kuntratt ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja ta' liema kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok B.

3. Illi r-rikorrent jixtieq illi ż-żwieġ ta' bejnu u bejn l-intimata jiġi maħlul, u jiddikjara:

    a. illi għaddew izjed minn erba' (4) snin minn meta l-partijiet ma baqgħux iżjed jgħixu flimkien;
    b. illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;
    c. illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni pesonali surriferit, ir-rikorrent u l-intimata ddekadew b'mod reċiproku mid-dritt li jitolbu mantenmient u/jew assistenza oħra mingħand xulxin, liema dekadenza hija assoluta u definittiva, u b'hekk l-ebda manteniment m'hu dovut mill-ebda parti;
    d. illi mir-relazzjoni tiegħu mal-intimata ma twieldu l-ebda ulied, u għalhekk l-ebda manteniment għall-ulied m'hu dovut.

4. Illi għaldaqstant ir-rikorrent huwa tal-umli opinjoni li li jissussistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti tħoll iż-żwieġ tiegħu mal-intimata u tagħti digriet ta' divorzju skond il-liġi.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) jogħġobha tħoll iż-żwieġ ta' bejnu u l-intimata u tagħti digriet ta' divorzju skond il-liġi, u
(2) tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku bid-divorzju tar-rikorrent u l-intimata sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat in-nota ta' l-intimata, li permezz taghha tiddikjara li mhux ser tipprezenta risposta sabiex tevita spejjez, u tiddikjara li m'ghandhiex

oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet tal-attur, salv li m'ghandhiex issofri l-ebda spejjez in konnessjoni mal-procedura istanti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Lulju 2017, izda f'Marzu 2014 infirdu fis-sens li ma baqghux jghixu flimkien;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.